# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta**
**Għoxrin (20) ta' Mejju 2025**

**Rikors Numru 583/2013FDP**

Fl-ismijiet

**Mediterranean Maritime Services Limited (C 54363)**

**Vs**

**JF Holdings Limited (C 29333)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 14 ta' Ġunju 2013 li permezz tiegħu s-soċjeta' rikorrenti talbet is-segwenti:

    1. *Illi 1-kumpanija konvenuta hija debitriċi tal-kumpanija attriċi versu s-somma ta' ħamsa u sittin elf, u tmenin Euro u tmienja u disgħin ċenteżmu (€ 65,080.98) liema ammont hu dovut għas-servizzi ta' ġarr ta' merkanzija u servizzi anċillari provduti mill-kumpanija attriċi lil kumpanija konvenuta fuq inkarigu tal-istess kumpanija konvenuta, kollox kif jirriżulta mill-prospett datat 17 ta' April 2013 anness u mmarkat bħala Dok A u mill-fattura datata 31 ta' Mejju 2012 anessa u mmarkata Dok B.*

    2. *Illi nonostante li s-soċjeta' intimata ġiet interpellata sabiex tħallas is-somma ta' sitta u ħamsin elf u ħames mija u tmenin Euro u tmienja u disgħin ċenteżmu (€56,580.98) rappreżentanti l-prezz ta' servizzi ta' ġarr ta' merkanzija u servizzi anċillari provduti mil-kumpanija attriċi lil kumpanija konvenuta fuq inkarigu ta' l-istess kumpanija konvenuta kollox kif jirriżulta mill-prospett datat 17 ta' April 2013 anness u mmarkat bħala Dok A, inkluż b'ittra uffiċjali datata 6 ta' Mejju 2013*

*liema kopja hija hawn annessa u mmarkata bħala* Dok C, *hija baqgħet inadempjenti;*

3. *Illi s-soċjeta' konvenuta ġiet notifikata bl-ittra surreferita nhar is-17 ta' Mejju, 2013.*

4. *Illi r-rappreżentanza tas-soċjeta' rikorrenti taf b'dawn il-fatti personalment.*

5. *Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.*

*Għaldaqstant is-soċjeta' rikorrenti titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha, salv kwalsijasi dikjarazzjoni oħra opportuna:*

1. *Għaldaqstant li tiddikjara lill-kumpanija konvenuta debitriċi favur is-soċjeta' rikorrenti fis-somma ta' ħamsa u sittin elf, u tmenin Euro u tmienja u disgħin ċenteżmu (€ 65,080.98) rappreżentanti servizzi ta' ġarr ta' merkanzija u servizzi anċillari provduti mill-kumpanija attriċi lil kumpanija konvenuta fuq inkarigu ta' l-istess kumpanija konvenuta, tikkundannaha lill-kumpanija konvenuta tħallas lill-kumpanija attriċi s-somma premessa ta' ħamsa u sittin elf, u tmenin Euro u tmienja u disgħin ċenteżmu (€ 65,080.98) bl-imgħaxijiet kummerċjali sad-data tal-pagament effettiv.*

2. *Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċċjali tas-6 ta' Mejju 2013.*

2. Rat illi fit-12 ta' Lulju 2013 is-soċjeta' intimata laqgħet għal dak mitlub billi qajjmet is-segwenti difiża:

    1. *ILLI l-ammont pretiż ma huwiex kollu dovut mis-soċjeta' esponenti iżda minn terzi kif ser jirriżulta aħjar fit-trattazzjoni tal-kawża;*

    2. *ILLI jekk jirriżulta li hemm xi ammont dovut mis-soċjeta' esponenti dana għandu jiġi paċut ma' ammont ħafna akbar dovut mis-soċjeta' rikorrenti lis-soċjeta' intimata;*

    3. *ILLI s-soċjeta' esponenti qiegħda tipprevalixxi ruħha minn din l-istanza sabiex tintavola kontro-talba a tenur ta' artikolu 396 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

    4. *ILLI għalhekk t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu respiniti bl-ispejjeż.*

3. Rat illi fit-12 ta' Lulju 2013, is-soċjeta' intimata għamlet kontro-talba li permezz tagħha talbet is-segwenti:

    1. ILLI s-soċjeta' esponenti (i) kriet inġenji u pprestat servizzi lis-soċjeta' rikonvenzjonata ammontanti għal disgħa u ħamsin elf, tmien mija u sitta u għoxrin Euro (€ 59,826) bħal ma jirriżulta mill-fattura annessa Dok A;

(ii) biegħet u kkonsenjat ammont ta' żebgħa lis-soċjeta’ rikonvenzjonata ammontanti għal elf u tlieta u għoxrin Euro (€ 1,023) bħal ma jirriżulta mill-fattura annessa Dok B (iii) sofriet ħsara fuq inġenji meta minħabba imperizja u nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti sfrondat ir-rampa tal-bastiment MV Carolina ammontanti għal elf u mitt Euro (€ 1,100) (iv) xogħol ta’ ġarr ta' merkanzija fuq il-bastiment MV Carolina ammontanti għal ħdax il-elf Euro (€ 11,000); ammontanti globalment għal tnejn u sebgħin elf, disgħa mija u disgħa u erbgħin Euro (€ 72,949);

2. ILLI s-soċjeta’ esponenti nkarigat lis-soċjeta’ rikonvenzjonata sabiex tittrasporta makkinarju (crane) lejn il-Libya (Misurata) u fdatu fil-pussess tagħha sabiex ikun mgħobbi fuq il-vjaġġ tal-21 ta’ Mejju 2012;

3. ILLI s-soċjeta' esponenti ma tafx jekk l-imsemmi crane fil-fatt tgħabbiex u jekk twassalx fid-destinazzjoni tiegħu. Li taf biss hu li dan il-crane meta kien fil-pussess u taħt il-kustodja tas-soċjeta’ rikonvenzjonata għosfor u donnu ħadd ma jaf fejn dan jinsab, dan minħabba traskuraġni, imperizja u/jew nuqqas ta’ ħila  fl-eżerċizzju ta' l-inkarigu mogħti lis-soċjeta’ rikonvenzjonata;

4. ILLI konsegwenza ta’ dan is-soċjeta’ esponenti sofriet danni kbar ammontanti għall-valur kummerċjali tal-istess crane;

5. ILLI s-soċjeta’ esponenti inkarigat is-soċjeta’ rikonvenzjonata sabiex tittrasporta lejn il-Libya - Misurata u lura (round trip) erbgħa (4) trailers u l-valur ta’ dan is-servizz huwa fatturat fil-prospett eżebit mar-rikors promotur;

6. ILLI għal ebda raġuni valida, is-soċjeta’ rikonvenzjonata abbandunat l-imsemmija trailers ġewwa l-Libya:

7. ILLI konsegwenza ta' dan is-soċjeta’ esponenti sofriet danni konsistenti f’telf ta' qliegħ, u spejjeż minnha żborsati sabiex l-imsemmija trailers jinġiebu lura Malta permezz ta’ trasportatur divers;

8. ILLI għad li nterpellata s-soċjeta’ rikorrenti rikonvenzjonata baqgħet inadempjenti;

Tgħid għalhekk is-soċjeta’ r-rikorrenti rikonvenzjonata għaliex din l-Onorabbli Qorti ma għandhiex prevja kull dikjarazzjoni opportuna u neċessarja fl-aħjar interess ta' l-amministrazzjoni tal-ġustizzja:

1. TIDDIKJARA li s-soċjeta’ rikorrenti rikonvenzjonata huma debituri versu s-soċjeta' esponenti fl-ammont ta' tnejn u sebgħin elf, disgħa mija u disgħa u erbgħin Euro (€ 72,949) rappreżentanti servizzi, kirjiet u materjal ieħor mibjugħ u kkonsenjat lir-rikorrenti rikonvenzjonata.

2. TIDDIKJARA li s-soċjeta’ rikorrenti rikonvenzjonata ma qdietx id-dover tagħha skond is-sengħa u l-arti u konsegwentment merkanzija (crane) lilha afdat sabiex jiġi trasportat għosfor minn taħt il-kustodja tagħha;

3. TIDDIKJARA li s-soċjeta' rikorrenti rikonvenzjonata ma qdietx l-obbligi kontrattwali tagħha billi mingħajr ebda raġuni valida abbandunat erbgħa (4) trailers ġewwa l-Libya;

4. TIDDIKJARA li tali nuqqas/inadempjenza ikkawża danni lis-soċjeta' esponenti;

5. TILLIKWIDA d-danni konsistenti primarjament fil-valur kummerċjali ta' l-imsemmi crane u fi speijeż u telf ta' qliegħ sabiex erbgħa (4) trailers jiġu trasportati lura Malta.

6. TIKKUNDANA lill-atturi rikonvenzjonati jħallsu lis-soċjeta' esponenti l-ammont ta' tnejn u sebgħin elf, disgħa mija u disgħa u erbgħin Euro (€ 72,949) inkluż id-danni hekk likwidati jekk ikun il-każ.

Bl-ispejjeż tal-preżenti u tal-mandat ta' sekwestru preżentat kontestwalment kontra r-rikorrenti rikonvenzjonali illi huma minn issa inġunti għas-subbizzjoni.

4. Jirriżulta illi s-soċjeta' rikorrenti, għalkemm debitament notifikata bir-risposta ġuramentata u bil-kontro talba hekk kif jidher a fol 25 tal-proċess, naqset milli tintavola r-risposta ġuramentata tagħha relattiva għall-kontro talba ntavolata mis-soċjeta' intimata. Għaldaqstant, illi s-soċjeta' attriċi għandha titqies kontumaċi għal dak li għandu x'jaqsam mal-kontro talba tal-konvenuta.

5. Rat id-dokumentazzjoni ppreżentata mill-partijiet mal-atti msemmija.

6. Rat illi din il-Qorti, kif diversament presjeduta, permezz ta' digriet datat 10 ta' Diċembru 2013 appuntat lill-awditur Paul Giglio sabiex bħala awditur janalizza l-vertenza sollevata u jirrelata fir-rigward.

7. Rat illi din il-Qorti kif diversament presjeduta, wara illi ġabret id-dokumentazzjoni kollha miġbura quddiem l-awditur Paul Giglio, permezz ta' digriet datat 14 ta' Ġunju 2017 u 2 ta' Novembru 2017 issostitwit lill-awditur Paul Giglio u ħatret lil Donald Sant minfloku.

8. Rat illi din il-Qorti kif diversament presjeduta permezz ta' digriet datat 22 ta' Frar 2018 issostitwit lil Donald Sant u ħatret lil William Spiteri Bailey minfloku.

9. Rat illi Willian Spiteri Bailey qatt ma aċċetta l-inkariku mogħti lilu u ħadd mill-partijiet ma nsista fuq il-ħtieġa ta' Perit komputista u għaldaqstant ma saret ebda perizja.

10. Rat illi permezz ta' digriet tal-31 ta' Mejju 2022 ġiet ordnata l-allegazzjoni tal-atti 312/2013 fl-ismijiet **Mediterranean Maritime Services Limited vs Samih Ali Rhouma Irkhis**.

**Provi**

11. Rat ix-xhieda mogħtija minn **Paul Giglio** fis-seduta tat-28 ta' Marzu 2019 u rat l-ispoll ippreżentat minnu li kien fil-pussess tiegħu tal-proċedura odjerna (fol 77-271).

12. Rat it-transkrizzjoni tar-recordings tax-xhieda miġbura quddiem l-awditur Paul Giglio (fol 276-332).

13. Rat in-nota tas-soċjeta' rikorrenti ppreżentata fit-3 ta' Lulju 2020 kontenenti l-affidavit ta' **Joseph Zammit** u l-affidavit ta' **David Haber** u rat id-dokumentazzjoni annessa mal-affidavits (fol 337-390).

14. Rat in-nota tas-soċjeta' rikorrenti ppreżentata fit-12 ta' Jannar 2021 kontenenti affidavit ulterjuri ta' **David Haber** u rat id-dokumentazzjoni annessa mal-istess affidavit (fol 396-510).

15. Rat illi fis-seduta tat-3 ta' Marzu 2021 il-provi tas-soċjeta' rikorrenti ġew magħluqa.

16. Rat in-nota tas-soċjeta' intimata ppreżentata fis-6 ta' Mejju 2021 kontenenti l-affidavit ta' **Carmel Dimech** u l-affidavit ta' **Irkhis Samh Ali Rhoum** u ta' **Mohammed Ali Omar Salem** u rat id-dokumentazzjoni annessa (fol 514-528).

17. Semgħet ix-xhieda ta' **David Sciberras** bħala rappreżentant tal-Kontrollur tad-Dwana mogħtija fis-seduta tat-13 ta' Lulju 2021 u rat id-dokumentazzjoni minnu eżebita (fol 532-717).

18. Semgħet ix-xhieda ta' **Charmaine Bugeja**, Assistent Reġistratur tal-Qrati Ċivili mogħtija fis-seduta tas-16 ta' Marzu 2022 u rat id-dokumentazzjoni minnha eżebita (fol 726-732 et seq).

19. Semgħet ix-xhieda ta' **Brian Galea** mogħtija fis-seduta tas-16 ta' Marzu 2022 (fol 733-737).

20. Semgħet ix-xhieda ulterjuri ta' **David Sciberras** mogħtija fis-seduta tal-31 ta' Mejju 2022 u rat id-dokumentazzjoni minnu eżebita (fol 741-753).

21. Semgħet ix-xhieda ta' **Stephania Gellel** mogħtija fis-seduta tal-10 ta' Mejju 2023 (fol 765-772).

22. Rat in-nota tas-soċjeta' intimata ppreżentata fil-11 ta' Jannar 2024 kontenenti l-affidavit addizzjonali ta' **Carmel Dimech** u l-affidavit ta' **Clive Dimech** u rat id-dokumentazzjoni annessa mal-affidavit ta' Carmel Dimech (fol 777-790).

23. Semgħet ix-xhieda ta' **Joseph Zammit** mogħtija fis-seduta tas-26 ta' Settembru 2024 (fol 795-808).

24. Rat id-dokument ippreżentat fis-26 ta' Settembru 2024 mill-avukat difensur tas-soċjeta' intimata (fol 809).

25. Rat illi fis-seduta tas-26 ta' Settembru 2024 ġie ddikjarat illi ma fadalx aktar provi u l-kawża setgħet titħalla għas-sottomissjonijiet finali.

26. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-soċjeta' rikorrenti ppreżentata fis-16 ta' Diċembru 2024 (fol 811-818).

27. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-soċjeta' intimata ppreżentata fil-11 ta' Marzu 2025 (fol 820-832).

28. Rat illi fis-seduta tal-11 ta' Marzu 2025 il-kawża tħalliet għas-sentenza.

## Fatti tal-Każ

29. Jirriżulta illi skont is-soċjeta' rikorrenti, il-kumpanija konvenuta hija debitriċi tagħha fl-ammont kumplessiv ta' ħamsa u sittin elf u tmenin Ewro u tmienja u disgħin ċenteżmu (Ewro 65,080.98) liema somma tirrappreżenta servizz mogħti mill-istess attriċi għall-ġarr ta' merkanzija u servizzi anċillari lis-soċjeta' intimata u dan kif jindika d-Dokument A (fol 4 u 5) anness mar-rikors ġuramentat.

30. Jirriżulta illi s-soċjeta' attriċi kienet permezz ta' ittra uffiċjali datata 6 ta' Mejju 2013 bin-numru ta' referenza 1280/2013, annessa mar-rikors promotur bħala Dokument B (fol 6), interpellat lis-soċjeta' konvenuta sabiex tħallas l-ammont ta' sitta u ħamsin elf u ħames mija u tmenin Ewro u tmienja u disgħin ċenteżmu (Ewro 56,580.98), madanakollu l-intimata baqgħet inadempjenti.

31. Jirriżulta illi min-naħa l-oħra s-soċjeta' intimata ssostni illi l-ammont pretiż mhuwiex kollu dovut minnha iżda minn terzi u li jekk hemm xi ammont li għandu jingħata mis-soċjeta' intimata lil dik rikorrenti, dan għandu jiġi paċut ma' ammont ħafna akbar dovut mis-soċjeta' attriċi lil dik konvenuta.

32. Jirriżulta in oltre, li kif inhu sostnut fil-kontro talba tas-soċjeta' konvenuta, s-soċjeta' attriċi hija debitriċi fil-konfront tagħha fl-ammont globali ta' tnejn u sebgħin elf, disgħa mija u disgħa u erbgħin Ewro (Ewro 72,949). Illi din is-somma tikkonsisti kif ġej:

    - Is-somma ta' disgħa u ħamsin elf, tmien mija u sitta u għoxrin Ewro (Ewro 59,826) għall-kera ta' inġenji u servizzi prestati lis-soċjeta' attriċi;

    - Is-somma ta' elf u tlieta u għoxrin Ewro (Ewro 1023) għall-bejgħ u konsenja ta' żebgħa lill-istess soċjeta' attriċi;

    - Is-somma ta' elf u mitt Ewro (Ewro 1100) għall-ħsara sofferta mis-soċjeta' konvenuta fuq inġenji proprjeta' tagħha minħabba imperizja u nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti min-naħa tas-soċjeta' attriċi;

    - Is-somma ta' ħdax-il elf (Ewro 11,000) għall-xogħol ta' ġarr ta' merkanzija fuq il-bastiment MV Carolina.

33. Jirriżulta illi s-soċjeta' konvenuta tgħid ukoll illi hija sofriet danni mis-soċjeta' attriċi u dan meta nkarigat lis-soċjeta' rikorrenti tittrasporta *crane* lejn il-Libya, ġewwa Misurata, u dan għaliex l-istess intimata ma tafx jekk dan il-*crane* tgħabbiex u jekk wasalx fid-destinazzjoni tiegħu.

34. Jirriżulta in oltre, illi l-intimata ssostni wkoll illi sofriet danni konsistenti f'telf ta' qliegħ u spejjeż minnha żborsati meta hija inkarigat lis-soċjeta' attriċi sabiex tittrasporta lejn il-Libya, ġewwa Misurata (*round trip*) erbgħa (4) *trailers* u skont l-istess konvenuta dawn it-*trailers* ġew abbandunati ġewwa l-Libya mill-istess attriċi.

35. Jirriżulta illi l-intimata kienet permezz ta' ittra uffiċjali datata 5 ta' Ġunju 2013 bin-numru ta' referenza 1662/2013 interpellat lis-soċjeta' attriċi sabiex tħallas is-somma ta'

tnejn u sebgħin elf, disgħa mija u disgħa u erbgħin Ewro (Ewro 72,949) iżda s-soċjeta' rikorrenti baqgħet inadempjenti (fol 788).

## Meritu tal-Każ

36. Kif jirriżulta minn dak provdut aktar 'il fuq, permezz tal-azzjoni odjerna, s-soċjeta' attriċi qiegħda ssostni illi s-soċjeta' konvenuta hija debitriċi tagħha fl-ammont ta' ħamsa u sittin elf u tmenin Ewro u tmienja u disgħin ċenteżmu (Ewro 65,080.98) rappreżentanti servizzi ta' ġarr ta' merkanzija u servizzi anċillari provduti mill-kumpanija attriċi lill-kumpanija konvenuta.

37. Illi min-naħa l-oħra s-soċjeta' konvenuta permezz tal-kontro talba tagħha, ssostni illi s-soċjeta' attriċi għandha tħallasha s-somma ta' tnejn u sebgħin elf, disgħa mija u disgħa u erbgħin Ewro (Ewro 72,949) rappreżentanti servizzi, kirjiet u materjal ieħor mibjugħ u kkonsenjat lis-soċjeta' rikorrenti kif ukoll li l-istess attriċi hija responsabbli għad-danni sofferti mis-soċjeta' intimata, liema danni jirrigwardaw *crane* u erbgħa *trailers* trasportati mis-soċjeta' attriċi.

38. Għaldaqstant, din il-Qorti tqis illi jkun aħjar u aktar opportun illi, f'din is-sentenza, l-ewwel tgħaddi biex tistħarreġ l-azzjoni u t-talbiet promossi mis-soċjeta' attriċi imbagħad wara tgħaddi sabiex teżamina t-talbiet magħmula mis-soċjeta' intimata permezz tal-kontro talba tagħha.

## A. Meritu tal-Każ - Talbiet tas-Soċjeta' Attriċi

39. Jirriżulta illi s-soċjeta' attriċi, illi kienet operatur ta' bastiment li kien jopera, fost affarijiet oħra, minn Malta għal-Libya, fil-proċeduri odjerni ntavolati minnha qiegħda titlob lil din il-Qorti tikkundanna lis-soċjeta' intimata tħallas is-somma ta' ħamsa u sittin elf u tmenin Ewro u tmienja u disgħin ċenteżmu (Ewro 65,080.98) u dan a tenur tad-Dokument A annessa mar-rikors ġuramentat. Illi d-dokument a fol 4 tal-proċess huwa *statement* maħruġ mis-soċjeta' attriċi għall-perjodu bejn it-8 ta' Ottubru 2012 u t-13 ta' Frar 2013 fejn hemm indikat illi s-soċjeta' konvenuta kien għad fadlilha tħallasha s-somma ta' sitta u ħamsin elf u ħames mija u tmenin Ewro u tmienja u disgħin ċenteżmu (Ewro 56,580.98).

40. Illi barra s-somma ta' sitta u ħamsin elf u ħames mija u tmenin Ewro u tmienja u disgħin ċenteżmu (Ewro 56,580.98) skont id-dokument a fol 5 tal-proċess, is-soċjeta' rikorrenti qiegħda titlob ukoll mingħand is-soċjeta' konvenuta l-ħlas tas-somma ta' tmien t'elef u ħames mija (Ewro 8500) relattivi għat-trasport ta' crane permezz tal-bastiment MV Azzurra. Illi b'hekk meta wieħed jgħodd dawn iż-żewġ ċifri flimkien, b'kollox jammontaw għas-somma mitluba komplessivament mingħand is-soċjeta' attriċi ossia dik ta' ħamsa u sittin elf u tmenin Ewro u tmienja u disgħin ċenteżmu (Ewro 65,080.98).

41. Illi l-Qorti ser tagħmel referenza għall-affidavit ta' Joseph Zammit, direttur tas-soċjeta' rikorrenti fejn huwa jispjega illi:

> *"Il-kumpannija JF Holdings kienet ta' spiss tagħmel użu mis-servizzi ta' MMSL biex tittrasporta merkanzija fit-trakkijiet. Sa fejn naf jien, il-merkanzija kienet tkun ta' terzi li JF Holdings kienet toffrilhom dan is-servizz li tirranġa għat-trasport, il-merkanzija ġieli anke kienet tkun tal-kumpannija JF Holdings stess.*

> *Naf illi kien hemm numru ta' freight invoices relatati għas-servizzi ta' trasport mogħtija lil JF Holdings, li għal xi raġuni baqgħu ma tħallsux minn dik il-kumpannija. Il-bilanċ pendenti jirriżulta mid-dokumenti annessi mar-rikors ġuramentat. L-istatement li kien ġie anness bħala Dok A jirrifletti invoices maħruġa minn MMSL fir-rigward ta' vjaġġi li saru minn MMSL. Il-fatt illi s-servizz ingħata jirriżulta mill-bill of lading relattivi".*
>
> (fol 338)

42. In oltre, issir ukoll referenza għall-affidavit ta' David Haber, *accounts officer* tas-soċjeta' rikorrenti fejn huwa jgħid illi:

> *"Mill-verifiki li għamilt irriżultali illi hemm bilanċ ta' € 65,080.98 dovut lil MMSL mingħand JF Holdings Ltd, rappreżentanti servizzi mogħtija lill-istess JF Holdings Ltd. Dawn is-servizzi kienu jikkonsistu fi trasport ta' merkanzija bejn Malta u l-Libja.*
>
> ....
>
> *Nikkonferma illi MMSL kienet ġieli tingaġġa lil JF Holdings. L-ammonti dovuti lil JF Holdings kienu jiġu set off mal-ammonti dovuti lil MMSL. Peress illi JF Holdings kienet tuża s-servizzi ta' MMSL spiss ħafna, il-bilanċ dejjem kien jibqa' ferm favur ta' MMSL.*
>
> ...
>
> *Nispjega illi l-ammont fuq imsemmi ta' € 65,080.98 dovut minn JF Holdings lil MMSL fil-fatt huwa l-bilanċ li baqa' pendenti wara li saru żewġ set offs nhar id-9 ta' Jannar 2013 wieħed fl-ammont ta' € 32,987.74 u l-ieħor fl-ammont ta' € 30,201.57".*
>
> (fol 345)

43. Illi l-istess David Haber jippreżenta *statement* tal-*invoices* li għadhom dovuti a fol 389 u 390 tal-proċess, liema *statement* jirrifletti dawk a fol 4 u 5 tal-proċess annessi mar-rikors ġuramentat kif ukoll jippreżenta kopja ta' kull *invoice* indikata fl-istatement, kopja tal-*bill of lading* relattiva għall-*invoice* u estratt relattiv mill-*cargo manifest* relattiva għall-istess *invoice* (fol 398-510). Hawnhekk, il-Qorti ma tistax ma tosservax kif kopja tal-istess dokumentazzjoni tinsab ukoll fl-ispoll ippreżentat minn Paul Giglio.

44. Din il-Qorti tosserva illi, mill-banda l-oħra, fl-affidavit ta' Carmel Dimech, direttur u azzjonist tas-soċjeta' konvenuta, huwa jikkonferma illi s-soċjeta' intimata kienet tuża s-servizzi tas-soċjeta' attriċi billi tibgħat merkanzija fuq bastiment operat mill-istess rikorrenti. Filfatt, fl-istess affidavit u anke fin-nota ta' sottomissjonijiet tas-soċjeta' konvenuta, ġew indikati numru ta' transazzjonijiet illi skont l-istess Carmel Dimech dawn ma kinux dovuti mis-soċjeta' intimata. Apparti minn hekk, fl-affidavit ulterjuri ta' Carmel Dimech huwa jsostni illi:

*"Dana fis-sens li l-ħlas għat-trasport ta' merkanzija li s-soċjeta' attriċi qiegħda tippretendi mingħandi ma kienx xogħol tiegħi imma ta' terzi. Għalhekk kif ġia għidt il-fatturi li ndikajt u li ma humiex ta' merkanzija tiegħi ma għandhiex inħallas għalihom avolja s-soċjeta' rikorrenti qed tippretendi ħlas mingħandi"* (fol 778).

45. Illi kif diġà ngħad, Carmel Dimech jagħmel referenza għall-fatturi ppreżentati fil-kawża u jindika dawk li skontu huma ta' terzi u li b'hekk m'għandhomx jitħallsu mis-soċjeta' intimata. Hawnhekk il-Qorti tosserva illi meta jagħmel dan l-eżerċizzju, Carmel Dimech jirreferi għall-fatturi illi, għalkemm ġew ippreżentati waqt is-smigħ tal-kawża odjerna bħal dawk a fol 348-364 u fol 366-388, ma jikkorispondux, madanakollu, għall-fatturi relattivi għall-istatement a fol 4 u 5 tal-proċess li fuqhom issejjes il-kawża tagħha s-soċjeta' rikorrenti.

46. Għandu jingħad ukoll illi fl-istess affidavit u fin-nota ta' sottomissjonijiet tas-soċjeta' intimata, ġie argumentat illi skont il-prospetti kollha preparati mis-soċjeta' rikorrenti s-soċjeta' intimata kellha titħallas l-ammont ta' tmienja u disgħin elf, sebgħa mija u tmienja u tmenin Ewro u tnejn u sittin ċenteżmu (Ewro 98,788.62), somma illi ma tmur ferm oltre dak mitlub fil-kontro talba tagħha stess.

47. Hawnhekk, madanakollu, din il-Qorti ma tistax ma tirrilevax illi dak li għandha tistħarreġ u tieħu kont għandu jillimita ruħu biss għal dak kontenut fit-talbiet kif magħmula mis-soċjeta' rikorrenti fir-rikors ġuramentat tagħha u fil-każ tal-kontro talba, mit-talbiet promossi mis-soċjeta' intimata fil-kontro talba tagħha. Għaldaqstant, u fl-assenza wkoll ta' talba addizzjonali mis-soċjeta' intimata waqt is-smigħ tal-proċeduri odjerni, din il-Qorti tissottolinea li, ai fini tal-ammonti li kull waħda mill-partijiet qiegħda tippretendi mill-parti l-oħra, ser tibbaża ruħha fuq l-ammonti indikati fit-talbiet rispettivi tagħhom.

48. Illi kif inhu spjegat sewwa fis-sentenza fl-ismijiet ***Pawla Buttigieg et vs Doreen Portelli et***[1] u f'bosta ġurisprudenza oħra:

*"Tal-istess portata kienet id-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, fl-4 ta' Ġunju, 2014, Avviż Numru 16/2014, fl-ismijiet, Joseph Demicoli vs Fix Limited (C-10111), fejn ukoll intqal li n-natura u l-indoli tal-azzjoni, għandhom jiġu deżunti mit-termini tal-att li bih jinbdew il-proċeduri: "Il-Qorti ittenni illi sabiex tiġi ffissata n-natura vera ta` l-azzjoni li tiġi eżerċitata, wieħed irid iħares lejn il-kliem, kemm lejn dak li sostanzjalment ikun ġie mitlub fiċ-ċitazzjoni, jiġifieri l-fondament u l-oġġett tal-pretensjoni fiha dedotta.*

*Issir referenza wkoll għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell, mogħtija fid-9 ta' Mejju, 2024, fl-ismijiet, Mahmoud Chehade, bin-numru tal-Karta tal-Identità maħruġa mill-United Nations Relief and Work Agency for Palestine Refugees in the Near East (UMRWA) 32015404 v. L-Avukat Ġenerali u d-Direttur Ġenerali tal-Ministeru tal-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali, fejn intqal:*

*"18. Meqjus li l-kwistjoni ewlenija li trid tiġi deċiża f'dan l-appell iddur madwar l-għerq tal-azzjoni tal-attur, il-Qorti titlaq billi tosserva li dak li*

[1] Deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Ġenerali fid-29 ta' Mejju 2024 - Rik. Ġur. Numru 16/2004

*jgħodd fi kwistjonijiet ta' din ix-xorta, mhuwiex tant it-tifsiriet jew inkella l-bixra li l-partijiet, tajjeb jew ħażin, jippruvaw jagħtu lill-kawża (ara f'dan is-sens Carmel sive Charles Caruana et v. Onor Prim Ministru Dr. Robert Abela bħala l-Kap tal-Gvern Malti et mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Marzu, 2024).*

*19. Minflok, dak li tassew iħoll u jorbot kollox huwa dak li jitniżżel mill-attur fil-premessi u fit-talbiet tar-rikors maħluf li bih titnieda l-kawża (ara Edward Keninwenimo Etete v. Mediatoday Company Limited, mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-18 ta' Jannar, 2024). Tassew, ingħad ħafna drabi, li huwa biss dak li jitniżżel fir-rikors maħluf li għandu jistabbilixxi l-qafas li fih il-Qorti għandha tħaddem il-ġudizzju tagħha (ara Anthony Busuttil et v. Jennifer sive Wendy Busuttil et, mogħija mill-Qorti tal-Appell, fit-18 ta' Jannar, 2024).*

*20. Huma għalhekk il-premessi u t-talbiet li jikxfu l-għan u l-oġġett tal-kawża, li minnhom imbagħad tkun tista' tinstilet in-natura vera tal-azzjoni tal-attur (ara Vincent Ciappara et v. Nazzareno sive Reno Bartolo et mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Novembru, 2023).*

*21. Ta' min jgħid li dan kollu huwa konsegwenza tal-fatt, li fis-sistema legali tagħna, huwa mħolli għal kollox f'idejn il-parti attriċi li tagħżel ix-xorta ta' azzjoni li jidhrilha li għandha tressaq sabiex tħares il-jeddijiet li tippretendi li jkollha (ara Adrian Theuma v. RLR Limited, mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Marzu, 2024). Mhuwiex għalhekk fil-kompitu tal-parti konvenuta li tipprova tiddetta x'tip ta' azzjoni kellu jniedi l-attur (ara Johanna Abela v. HSBC Bank Malta plc mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Marzu, 2024).*

*22. B'dan kollu f'moħħha, il-Qorti sejra tkun qiegħda għalhekk titlaq billi qabel xejn tixħet ħarsitha fuq dak li tniżżel mill-attur appellant fir-rikors maħluf li bih huwa beda din il-kawża."*

49. Għalhekk, b'referenza għall-ammont pretiż mis-soċjeta' attriċi, din il-Qorti sejra tqis biss it-talbiet kif promossi fir-rikors promotur u tanalizza l-fatturi relattivi għall-*istatement* a fol 4 u l-fattura a fol 5 tal-proċess.

**Fatturi ppreżentati mis-soċjeta' rikorrenti.**

50. Jirriżulta illi, mill-fatturi ppreżentati li jinsabu kemm fl-ispoll ippreżentat minn Paul Giglio kif ukoll annessi mal-affidavit ta' David Haber (dak a fol 397), din il-Qorti tamgħel referenza għas-segwenti fatturi:

1) Il-fattura datata 12/10/2012 bin-numru ta' referenza 603/12 fl-ammont ta' Ewro 500 indirizzata lil Libyan People's Bureau, bill of lading MMSL 778, skont is-*shipper details* hemm imiżżel: Libyan People's Bureau (Vide fol 214-216, fol 248-250 u fol 411-413).

2) Il-fattura datata 20/12/2012 bin-numru ta' referenza 830/12 fl-ammont ta' Ewro 1086 indirizzata lil JF Holdings (Ryan), bill of lading MMSL 1218, skont is-*shipper details* hemm imniżżel: Mohamed Ali Omar Salem (Ryan) (Vide fol 130-133 u fol 251-254 u fol 489-492).

3) Il-fattura datata 30/11/2012 bin-numru ta' referenza 690/12 fl-ammont ta' Ewro 1200[2], bill of lading MMSL 950, skont is-*shipper details* hemm imniżżel: JF Holdings iżda fuq l-istess fattura hemm indikat JF Holdings (Sammy) (Vide fol 141-144 u fol 437-440).

4) Il-fattura datata 30/11/2012 bin-numru ta' referenza 691/12 fl-ammont ta' Ewro 1200[3], bill of lading MMSL 964, skont is-*shipper details* hemm imniżżel: JF Holdings iżda fuq l-istess fattura hemm indikat JF Holdings (Sammy) (Vide fol 145-148 u fol 441-444).

5) Il-fattura datata 30/11/2012 bin-numru ta' referenza 693/12 fl-ammont ta' Ewro 1200[4], bill of lading MMSL 963, skont is-*shipper details* hemm imniżżel: JF Holdings iżda fuq l-istess fattura hemm indikat JF Holdings (Sammy) (Vide fol 149-152 u fol 445-448).

6) Il-fattura datata 30/11/2012 bin-numru ta' referenza 694/12 fl-ammont ta' Ewro 1200[5], bill of lading MMSL 951, skont is-*shipper details* hemm imniżżel: JF Holdings iżda fuq l-istess fattura hemm indikat JF Holdings (Sammy) (Vide fol 153-156 u fol 449-452).

7) Il-fattura datata 30/11/2012 bin-numru ta' referenza 695/12 fl-ammont ta' Ewro 1200[6], bill of lading MMSL 954, skont is-*shipper details* hemm imniżżel: JF Holdings iżda fuq l-istess fattura hemm indikat JF Holdings (Sammy) (Vide fol 157-160 u fol 453-456).

8) Il-fattura datata 30/11/2012 bin-numru ta' referenza 696/12 fl-ammont ta' Ewro 1200[7], bill of lading MMSL 952, skont is-*shipper details* hemm imniżżel: JF Holdings iżda fuq l-istess fattura hemm indikat JF Holdings (Sammy) (Vide fol 161-164 u fol 457-459).

9) Il-fattura datata 30/11/2012 bin-numru ta' referenza 697/12 fl-ammont ta' Ewro 1200[8], bill of lading MMSL 953, skont is-*shipper details* hemm imniżżel: JF Holdings i,żda fuq l-istess fattura hemm indikat JF Holdings (Sammy) (Vide fol 165-168 u fol 460-463).

10) Il-fattura datata 30/11/2012 bin-numru ta' referenza 725/12 fl-ammont ta' Ewro 1200, bill of lading MMSL 1007, skont is-*shipper details* hemm imniżżel: JF Holdings iżda fuq l-istess fattura hemm indikat JF Holdings (Sammy) (Vide fol 169-172 u fol 471-474).

11) Il-fattura datata 5/11/2012 bin-numru ta' referenza AUGLY 028-12 fl-ammont ta' Ewro 1300[9], bill of lading AUGLY 039 u MMSL 966[10],skont is-*shipper details* hemm imniżżel: JF Holdings iżda fuq l-istess fattura hemm indikat JF Holdings (Sammy) (Vide fol 206-208 u fol 424-426)

[2] Fl-istatement ippreżentat mis-soċjeta' attriċi l-ammont dovut huwa indikat bħala Ewro 1141.75
[3] Fl-istatement ippreżentat mis-soċjeta' attriċi l-ammont dovut huwa indikat bħala Ewro 1141.75
[4] Fl-istatement ippreżentat mis-soċjeta' attriċi l-ammont dovut huwa indikat bħala Ewro 1141.75
[5] Fl-istatement ippreżentat mis-soċjeta' attriċi l-ammont dovut huwa indikat bħala Ewro 1141.75
[6] Fl-istatement ippreżentat mis-soċjeta' attriċi l-ammont dovut huwa indikat bħala Ewro 1141.75
[7] Fl-istatement ippreżentat mis-soċjeta' attriċi l-ammont dovut huwa indikat bħala Ewro 1141.75
[8] Fl-istatement ippreżentat mis-soċjeta' attriċi l-ammont dovut huwa indikat bħala Ewro 1141.75
[9] Fl-istatement ippreżentat mis-soċjeta' attriċi l-ammont dovut huwa indikat bħala Ewro 1236.75
[10] Iżda ma' din il-fattura ġiet ippreżentata bill of lading AUGMLT 024

51. Illi b'referenza għall-paragrafu preċedenti, din il-Qorti tqis illi l-ewwel fattura, ossija dik indirizzata lil Libyan People's Bureau, għandha tiġi mnaqqsa mill-ammont li s-soċjeta' rikorrenti tippretendi bħala ħlas. Għaldaqstant, mill-ammont indikat fuq l-istatement a fol 4, trid titnaqqas il-fattura bin-numru 603/12 fl-ammont ta' Ewro 500.

52. Illi b'referenza għat-tieni fattura, ossija dik bin-numru 830/12 fl-ammont ta' Ewro 1086, din għandha tiġi mnaqqsa wkoll stante illi fis-*shipper details* hemm imniżżlin id-dettalji ta' Mohamed Ali Omar Salem.

53. Referenza ser issir issa għal dawk il-fatturi indirizzati bħala JF Holdings (Sammy) li jinsabu wkoll imniżżla fil-istatement a fol 4, ossija it-tlielet sal-ħdax fattura fuq imsemmija, u ċioe': AUGLY 028 fl-ammont ta' Ewro 1236.75, 690/12 fl-ammont ta' Ewro 1141.75, 691/12 fl-ammont ta' Ewro 1141.75, 693/12 fl-ammont ta' Ewro 1141.75, 694/12 fl-ammont ta' Ewro 1141.75, 695/12 fl-ammont ta' Ewro 1141.75, 696/12 fl-ammont ta' Ewro 1141.75, 697/12 fl-ammont ta' Ewro 1141.75 u 725/2012 fl-ammont ta' Ewro 1200.

54. Dwar tali fatturi, il-Qorti tqis illi minkejja li s-*shipper details* relattivi għal dawn il-fatturi jindikaw is-soċjeta' intimata, madanakollu dawn l-ammonti wkoll irridu jitnaqqsu mill-ammont dovut lis-soċjeta' rikorrenti. Dan għaliex skont kif tispjega Stefania Gellel fix-xhieda tagħha mogħtija fis-seduta tal-11 ta' Ottubru 2016:

> *"Dr Patrick Valentino:*
> *Imma jista' ikun li kien ta' Sammy u ma nħarġux invoices f'isem Sammy?*
>
> ...
>
> *Dr Patrick Valentino:*
> *Jista' ikun li kien xogħol li ordna Sammy, għall-argument?*
>
> *Ix-Xhud:*
> *Jista' jkun.*
>
> ...
>
> *Dr Patrick Valentino:*
> *Jekk nurik dil-invoice għall-argument inti taf min ordna x-xogħol? Tkun taf min ordna x-xogħol?*
>
> *Ix-Xhud:*
> *Għandu numru?*
>
> *Dr Patrick Valentino:*
> *Hawn numru, per eżempju din JF (Sammy).*
>
> *Ix-Xhud:*
> *Dik ikun ħa jħallasna Sammy.*
>
> *Dr Patrick Valentino:*
> *Dik ikun ħa jħallaskom Sammy. Kif taf li kien ħa jħallaskom Sammy?*

*Ix-Xhud:*
*Għax għandha mitkub Sammy.*

...

*Dr John Refalo:*
*Imma għalfejn hemm miktub JF Holdings?*

*Ix-Xhud:*
*Għax hekk kienet is-sistema li konna naħdmu."*

(fol 287A-289)

55. Illi fl-istess xhieda saret referenza għall-fatturi kollha indikati bħala JF Holdings (Sammy) kif jidher a fol 289-291 u l-istess xhud tispjega illi:

> *"Issa s-sistema kienet li niktbu JF Holdings (Sammy) għax min hu fuqna kien jgħidilna biex naħseb jiena jagħrafhom, kemm qed itina xogħol Ryan...kemm qed itina Sammy...u kemm qed itina Carmelo.*" (fol 295).

56. Illi magħdud ma' dan, u kif tispjega l-istess Stefania Gellel, l-isem ta' dak li kienu jirreferu għalih bħala Sammy huwa Samih Ali Rhouma Irkhis. Illi fil-kawża odjerna ġie ppreżentat affidavit ta' dan l-istess Samih Ali Rhouma Irkhis u ta' Mohammed Ali Omar Salem (fol 527-528), li ma sar ebda kontro-eżami fuqu, fejn ġie spjegat is-segwenti:

> *"Illi nikkonfermaw illi l-ammont ta' għaxart elef Euro, erbgħa mija u tmienja u għoxrin Euro u ħamsin ċenteżmu € 10,428.50 dovuti lil Mediterranean Maritime Services Ltd bħal ma jidher mill-prospett anness mal-preżenti huma dovuti minna għall-prezz ta' trasport ta' mechanical horses, żwiemel minn Malta lejn il-Libya fid-dati kif jidhru fil-fattura.*
>
> *Ngħid li aħna personalment ftehmna mas-Sur Joseph Zammit in rappreżentanza tas-soċjeta' Mediterranean Maritime Services Ltd u filfatt għadu sal-ġurnata tal-lum jibgħat il-prospetti għall-ħlas bħal dak anness mal-preżenti".*

57. Illi flimkien mal-affidavit surreferit, ġie ppreżentat *statement* mingħand is-soċjeta' attriċi maħruġ lil Samih Ali Rhouma Irkhis datat 3 ta' Lulju 2013 b'A/c ref. SAMIHALI (fol 528) fejn hemm imniżżla eżattament b'mod ċar u inekwivoku l-fatturi hawn fuq indikati li kienu ġew imniżżla mis-soċjeta' attriċi bħala JF Holdings (Sammy) ossia: Ref: 690/12, 691/12, 693/12, 694/12, 695/12, 696/12, 697/12, 725/12 u AUGLY028 u dan ukoll versu l-istess ammonti indikati fl-istatement a fol 4 tal-proċess.

58. Għaldaqstant, huwa ċar illi dawn l-ammonti relattivi għall-fatturi hawn fuq indikati għandhom ukoll jitnaqqsu mill-istatement ippreżentat mis-soċjeta' rikorrenti a fol 4.

59. Dan ifisser illi mill-ammont indikat a fol 4 ossia Ewro 56,580.98, iridu jitnaqqsu l-fatturi fuq elenkati f'paragrafu 50, biex b'hekk il-bilanċ li fadal jiġi kkunsidrat huwa ta' **Ewro 44,565.98**

**Ikkunsidrat**

60. Apparti il-bilanċ fuq imsemmi, issa il-Qorti trid tagħmel referenza għall-fattura a fol 5 tal-proċess fl-ammont ta' tmint'elef u ħames mija (Ewro 8500) bin-numru ta' referenza 157/12 datata 31 ta' Mejju 2012, li permezz tagħha s-soċjeta' attriċi qiegħda titlob il-ħlas tas-somma msemmija għat-trasport ta' crane permezz tal-bastiment MV Azzura. Din il-fattura tiġi wkoll ippreżentata minn David Haber fl-affidavit ulterjuri tiegħu a fol 510.

61. Hawnhekk, il-Qorti tagħmel referenza għall-affidavit ulterjuri ta' Carmel Dimech fejn huwa jispjega illi:

> *"kuntrarjament għall-invoice eżebita mar-rikors promutur (fol 5) din hija intestata fuq Sullivan Maritime Limited u mhux fuqi bħal dik eżebita fil-kawża"*

(fol 780)

u mal-istess affidavit huwa jippreżenta din il-fattura indirizzata lil Sullivan Maritime Limited, kif jidher a fol 787 tal-proċess.

62. Illi l-Qorti tosserva illi meta s-soċjeta' rikorrenti intavolat l-ittra uffiċjali kontra s-soċjeta' intimata, hija kienet interpellat lis-soċjeta' konvenuta sabiex tħallas l-ammont ta' sitta u ħamsin elf u ħames mija u tmenin Ewro u tmienja u disgħin ċenteżmu (Ewro 56,580.98), ossia l-ammont indikat fl-istatement a fol 4 tal-proċess u ma kinitx inkludiet l-ammont li qiegħda tippretendi għat-trasport tal-crane, liema fattura tinsab a fol 5 tal-proċess.

63. Huwa biss meta intavolat il-kawża illi żiedet l-ammont ta' tmint'elef u ħames mija (Ewro 8500).

64. Illi meta konfrontat b'din il-kwistjoni, Joseph Zammit fix-xhieda tiegħu jgħid kif ġej:

> *"Dr Patrick Valentino:*
> *Issa ... inti qabel ftaħt il-kawża bgħatt ittra uffiċjali fejn tlabt l-ammont ta' sitta u ħamsin elf, ħames mija u tmenin (56,580). Meta nfetħet il-kawża żdied ma' dan l-ammont prospett ieħor ta' crane ta' tmint elef u ħames mija (8,500) ... tispjegalna għaliex il-crane ma kienx involut fl-ittra uffiċjali?*
>
> *Ix-Xhud:*
> *Dika ... dika jiena wara nstab u ddokumentat li dan kien tellgħu hu u nizżlu hu ... u ... u ... u ... u ... jrid iħallasna tiegħu ...*
>
> *...*
>
> *Dr Patrick Valentino:*

*Mela ħa nurik ... ħa nurik il-prospett li ntbagħat ... li ntbagħat ma' dal-vapur tal-crane ... qiegħed fol 787 tal-proċess.*

*...*

*Il-Qorti:*
*Għax dan 787 kumbinazzjoni ... għalhekk qed ngħidlek ... dan ... dan huwa eight thousand five hundred (8500) ...*

*Dr Patrick Valentino:*
*Iva dak hu. Dak hu kollu kemm hu ... mela inżel naqra l-isfel Sur Imħallef ħa nġibu d-dokument kollu ... ħa nġibu d-dokument kollu ħa jara t-timbru ...*

*Il-Qorti:*
*Le jien hawn hekk għandi timbru ...*

*Dr Patrick Valentino:*
*Mediterranean ... mela dak huwa timbru ...*

*Il-Qorti:*
*Jiena hawn hekk ... hawn hekk għandi timbru ...*

*Dr Patrick Valentino:*
*Dak huwa timbru li juri li dan ... dan id-dokument intbagħat mal-manifest tal-bastiment naqblu?*

*Ix-Xhud:*
*Mhux hekk.*

*Dr Patrick Valentino:*
*Naqblu.*

*Il-Qorti:*
*Naqblu hux hekk ... mela dan huwa dokument li jidher a fol 787 tal-proċess.*

*Ix-Xhud:*
*Dak invoice ? Għax ma nafx x'inhi dik. Dik invoice dik ... x'għandu x'jaqsam?*

*Dr Patrick Valentino:*
*Imma dak huwa li ntbagħat mal-bastiment ... issa ...*

*Ix-Xhud:*
*Le imma dak mhux ... dak ...*

*Dr Patrick Valentino:*
*Jekk għandu timbru Mediterranean Maritime Services ...*

*Ix-Xhud:*
*X'għandu x'jaqsam ? Mhux tad-ditta dik. Ma għandux x'jaqsam.*

*Dr John Refalo:*
*Li jintbagħat mal-bastiment huwa l-manifest.*

*Ix-Xhud:*
*Il-manifest u bill of lading ...*

*Dr Patrick Valentino:*
*Mela l-invoice ... l-invoice għalfejn ħarġet fuq Sullivan Maritime Limited ta' dal-crane li huwa l-istess dokument li inti qed tippretendi mingħand ... mingħand is-Sur Dimech? Għax imbagħad ħriġt id-dokument identiku li hu fol 5 tal-proċess li huwa intestat JF Holdings bl-istess ammont ... spjegalna għalfejn mal-bastiment ħriġt invoice fuq Sullivan Maritime u meta ġejt biex tagħmel din il-kawża int biddilt Sullivan Maritime u għamilt JF Holdings ... spjegalna għalfejn u għidilna jekk Sullivan Maritime ħallsukx dawn it-tmint elef u ]ames mija (8500)?*

*Ix-Xhud:*
*Dak issa ... daka kien all right ... li dak Karmenu kien qallu dana lill-iskrivan tiegħi min ... min kien trid ...*

*Ix-Xhud:*
*Li ... li dan niżżluh fuq Sullivan għax niftakar ... u nqalgħet kwistjoni ... issa forsi m'għandha x'taqsam xejn imma nqgħalat kwistjoni mill ... mill-port hekk kif ħareġ dan il-crane minn hemm hekk ...*

*Il-Qorti:*
*Minn hemm hekk minn fejn?*

*Ix-Xhud:*
*Minn deep water ... minn hemm hekk u ma nafx kif spiċċat all right ... imma dak naf li huma ġabuh minn hemm hekk u qallu biex joħroġ il-dik fuq ... fuq x'jismu ... fuq Sullivan. Imbagħad ...*

*Dr Patrick Valentino:*
*Il-crane mhux Sullivan bagħtu?*

*Ix-Xhud:*
*Le mhux Sullivan bagħtu.*

*Dr Patrick Valentino:*
*Mela għalfejn ħriġt l-invoice fuq Sullivan?*

*Ix-Xhud:*
*Għalhekk qiegħed ngħidlek ... għax qallu ... qallu ...*

*Dr Patrick Valentino:*
*Ħadt żball.*

*Dr John Refalo:*
*Le mhux żball ...*

*Ix-Xhud:*
*Ma ħadtx żball ...*

*Dr Patrick Valentino:*
*Min ħadu l-iżball mela?*

*Ix-Xhud:*
*Jien qed ngħidlek li r-raġel ... dak qal lill-iskrivana ...*

*Dr Patrick Valentino:*
*Min?*

*Ix-Xhud:*
*Karmenu. Jew it-tifel tiegħu all right.*

*Dr Patrick Valentino:*
*Jiġifieri inti kont toħroġ l-invoices fuq min jgħidlek Karmenu?*

*Dr John Refalo:*
*Instructions tiegħu ...*

*Dr Patrick Valentino:*
*Dottore ...*

*Ix-Xhud:*
*X'jiġifieri?*

*Il-Qorti :*
*Iġifieri ħa nifhem ftit ... ieqfu ... ieqfu ... ħa nifhem ... mela jien għandi invoice 157 / 12 maħruġ lil JF Holdings li jinsab a fol 5.*

*Ix-Xhud:*
*Sewwa.*

*Il-Qorti:*
*Li huwa l-invoice li deher mar-rikors promotur tiegħek.*

*Ix-Xhud:*
*Iva. Imbagħad jien għandi invoice ieħor li din id-darba ppreżentaha s-Sur Dimech li huwa eżattament l-istess invoice eżatt ... imma din id-darba maħruġ lil Sullivan Maritime. Bl-istess dettalji kollox ...*

*Ix-Xhud:*
*Mhux hekk. Dik kienet l-affari. Kien qallu biex ...*

*Il-Qorti:*
*X'inhi d-differenza ta' bejniethom?*

*Ix-Xhud:*

*Ta' bejniethom hija li meta ħaduh abbord ... meta ġabuh min-naħa l-oħra biex x'jgħidulu qalu dan issa hawn ... ħa ... ibgħat lil ...*

*Il-Qorti:*
*Ħa jħallsu Sullivan Maritime.*

*Ix-Xhud:*
*U meta għidnilu ... qalulna allura dak min ħa l-crane ... u li huma ħadu l-crane.*

*Dr Patrick Valentino:*
*U għandek xi dokument li juri li Sullivan kienet igerger fuq din l-invoice li bgħattlu?*

*Ix-Xhud:*
*Nistgħu inkellmuh ... u naraw ...*

*Dr Patrick Valentino:*
*Għandek xi dokument?*

*Ix-Xhud:*
*Jien qiegħed ngħidlek nista' nikkonferma miegħu din li qed tgħid.*

*Dr Patrick Valentino:*
*Ara naqblux li Sullivan ħallsek dat-tmint elef u ħames mija (8,500) tal-crane?*

*Ix-Xhud:*
*Ma ħallasnix le ... le ...”*

(fol 802 et seq - 805 et seq)

65. Meqjusa d-dikjarazzjonijiet u kontradizzjonijiet ta’ Joseph Zammit, din il-Qorti tqis illi x-xhieda ta’ Joseph Zammit fuq dina l-kwistjoni mhijiex waħda kredibbli u dan fid-dawl tal-fatt illi l-fattura a fol 787 hija dik li għandha t-timbru fuqha u hija indirizzata lil Sullivan Maritime Limited. Magħdud ma’ dan, jiġi sottolineat ukoll illi fl-ittra uffiċjali, li ġiet mibgħutha xahar qabel ma nfetħet il-kawża, ma hemm ebda referenza għal dan l-ammont u għalhekk din il-Qorti tirrileva illi l-ammont pretiż mis-soċjeta’ attriċi ta’ tmint’ elef u ħames mija (Ewro 8500) mhuwiex dovut lilha mis-soċjeta’ intimata.

66. Għalhekk, ikkunsidrat dan kollu u ikkunsidrat it-talbiet tas-soċjeta’ rikorrenti, din il-Qorti tqis illi t-talba attriċi għandha tiġi milqugħa limitatament, b’dan illi s-soċjeta’ intimata għandha tħallas lis-soċjeta’ attriċi l-ammont ta’ erbgħa u erbgħin elf, ħames mija u ħamsa u sittin Ewro u tmienja u disgħin ċenteżmu (Ewro 44,565.98) u dan wara li sar it-tnaqqis kif spjegat aktar ‘il fuq.

**B. Meritu tal-Każ - Kontro talba tas-Soċjeta’ Konvenuta/ Rikonvenzjonanti**

67. Illi mar-risposta ġuramentata tagħha, s-soċjeta' konvenuta ntavolat kontro talba fejn talbet il-ħlas mingħand is-soċjeta' attriċi fl-ammont globali ta' tnejn u sebgħin elf, disgħa mija u disgħa u erbgħin Ewro (Ewro 72,949), liema somma tikkonsisti:

    1) Is-somma ta' disgħa u ħamsin elf, tmien mija u sitta u għoxrin Ewro (Ewro 59,826) għall-kera ta' inġenji u servizzi prestati lis-soċjeta' attriċi;

    2) Is-somma ta' elf u tlieta u għoxrin Ewro (Ewro 1023) għall-bejgħ u konsenja ta' żebgħa lill-istess soċjeta' attriċi;

    3) Is-somma ta' elf u mitt Ewro (Ewro 1100) għall-ħsara sofferta mis-soċjeta' konvenuta fuq inġenji proprjeta' tagħha minħabba imperizja u nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti min-naħa tas-soċjeta' attriċi;

    4) Is-somma ta' ħdax-il elf (Ewro 11,000) għall-xogħol ta' ġarr ta' merkanzija fuq il-bastiment MV Carolina.

68. Apparti minn hekk, oltre t-talba għall-ħlas tas-somma surreferita, is-soċjeta' konvenuta tagħmel ukoll talbiet għad-danni relattivi għat-trasport ta' *crane* lejn il-Libya li skont l-istess konvenuta ma wasalx fid-destinazzjoni tiegħu kif ukoll danni relatati ma' erbgħa (4) trailers li skont l-istess konvenuta ġew abbandunati ġewwa l-Libya mis-soċjeta' attriċi.

69. Illi din il-Qorti ser tibda sabiex tistħarreġ it-talba tal-konvenuta rikonvenzjonanti relattiva għall-ħlas tas-somma ta' tnejn u sebgħin elf, disgħa mija u disgħa u erbgħin Ewro (Ewro 72,949), kif aħjar deskritt fil-paragrafu 67.

70. Illi qabel dan, il-Qorti terġa' tissottolinea mill-ġdid illi, għal dak li għandu x'jaqsam mat-talbiet promossi mis-soċjeta' konvenuta permezz tal-kontro talba tagħha, s-soċjeta' attriċi ma ntavolat ebda risposta u għaldaqstant hija meqjusa bħala kontumaċi. Madanakollu, hija għamlet sottomissjonijiet kif kellha kull dritt illi tagħmel.

## Ikkunsidrat

71. Kif diġa' muri aktar kmieni, is-somma komplessiva mitluba mis-soċjeta' konvenuta tiġi spjegata u maqsuma mill-intimata f'erbgħa (4) partijiet u hawnhekk, il-Qorti sejra l-ewwel tibda billi tanalizza s-somma rikjesta ta' disgħa u ħamsin elf, tmien mija u sitta u għoxrin Ewro (Ewro 59,826) għall-kera ta' inġenji u servizzi prestati lis-soċjeta' attriċi.

72. Il Qorti tibda billi tosserva illi s-soċjeta' intimata, flimkien mal-kontro talba tannetti fattura a fol 21 datata 3 ta' Ġunju 2013 indirizzata lis-soċjeta' attriċi fl-ammont ta' disgħa u ħamsin elf, tmien mija u sitta u għoxrin Ewro (Ewro 59,826).

73. Referenza ser issir għax-xhieda ta' Joseph Zammit mogħtija fl-4 ta' Novembru 2016 fejn l-istess Zammit jikkonferma illi s-soċjeta' attriċi ġieli għamlet użu mis-servizzi offruti mis-soċjeta' konvenuta:

    *"Perit Tekniku – Mr Paul Giglio:*
    *Biex nifhem fuq l-offset ... iġifieri s-Sur Dimech kien iġiblek il-klijent ... jgħabbi x-xogħol għal klijenti tiegħu u ġieli għamel xi xogħol għalik ukoll, u*

*hemmhekk kontu tagħmlu set off imbagħad? Inti għandek ittih talli għabbielek ix-xogħol u hu għandu jtik talli għabba x-xogħol u ġieli għamillu set offs.*

*Ix-Xhud:*
*Iva.*

(fol 311)

In oltre, fl-istess xhieda ġie spjegat is-segwenti:

*"Dr John Refalo:*
*Ta' wieħed minnhom iva. Ok. Issa sussegwentement ukoll il-parti l-oħra f'Mejju emm ... ħarġitlek invoice f'Mejju 2013 sewwa ... ħarġitlek invoice fejn talbitek il-kera ta' dawn it-trailers ...*

*Ix-Xhud:*
*Sewwa.*

*Dr John Refalo:*
*X'inhi l-pożizzjoni tagħkom fuq hekk? Kontu krejtuhom intom dawn it-trailers? Ħa nurihielek ara ... ara dan ħariġlek fattura datata 3 ta' Ġunju 2013. Din hija eżebita bħala Dok A mal-kontro talba ta' Dr Valentino u jgħidlek 14 trailers ... 4 trailers December 2011 on MV Azzurra, Euro 400 per voyage round trip and after Euro 100 per day for 28 days. Forklifters ... etc. X'għandek xi tgħid fuq dan il-kont?*

*Ix-Xhud:*
*Dan ix-xogħol ikun qabel. Dan kien jitħallas, jagħmel set off u aħna għandna dawk magħluqin. Iġifieri ma kellniex ... dawk il-kontijiet m'għandniex.*

*Dr John Refalo:*
*Imma dawn ħarġu fit-3 ta' Ġunju 2013 iġifieri wara l-kwistjoni ... wara li għamilt il-kawża wkoll?*

*Ix-Xhud:*
*Eżatti ... eżatti.*

*Dr John Refalo:*
*Dan inti qed tirrikonoxxih?*

*Ix-Xhud:*
*Mhux qed nirrikonoxxieh.*

*Dr John Refalo:*
*Iġifieri inti ... kontu krejtu trailers?*

*Ix-Xhud:*
*Konna krejna u konna ħallasnieh. Il-kont tiegħu hawn ... dan kien hemm bilanċ ... kellu jtina daqshekk għal din is-sena ..."*

(fol 328-329)

74. Referenza ser issir għall-affidavit ta' Joseph Zammit fejn huwa jgħid illi:

*"Nirreferi wkoll għall-invoices preżentati minn JF Holdings mal-kontro talba. Nispjega illi aħna konna nagħmlu set off mal-bilanċ li kien dovut lilna għalhekk ma hemmx ammonti li għadhom dovuti lil JF Holdings. Dawn l-invoices jien qatt ma rajthom u qatt ma ntbagħtu qabel ma nfetħet il-kawża"* (fol 339).

75. Dan jikkonfermah ukoll David Haber fl-affidavit tiegħu meta jispjega li:

*"Nikkonferma illi MMSL kienet ġieli tingaġġa lil JF Holdings. L-ammonti dovuti lil JF Holdings kienu jiġu set off mal-ammonti dovuti lil MMSL. Dak kollu li kien hemm pendenti a favur ta' JF Holdings kien ġie mħallas min-naħa tal-MMSL u fil-fatt ir-records tal-kumpanija illum juru li ma hemm l-ebda ammont dovut lil JF Holdings"* (fol 345).

76. Illi Carmel Dimech fl-affidavit tiegħu jsostni illi:

*"Ngħid li jiena naħdem bħala burdnar u kien avviċinani Joe Zammit biex nibdew naħdmu flimkien fis-sens li l-kumpanija tiegħi toffri servizz ta' burdnar fuq il-vapuri li kienet topera s-soċjeta' attriċi. Dana biex nibda ngħabbi u nħott il-vapur, nipprovdi servizz ta' żewġ fork lifts u tug master (apparat speċifiku li jintuża biex jdaħħal u joħroġ it-trailers minn fuq il-vapur) u ħaddiema biex jagħmlu dan ix-xogħol. Konna wkoll fthemna li kelli nikrilu xi trailers biex ikun jista' jgħabbi l-merkanzija ta' terzi li jkun qed jittrasporta mal-bastiment fuqhom.*

*Ngħid li konna fthemna r-rati li kelli nitħallas ta' dan ix-xogħol u anke ffirmajna dokument li qed jiġi hawn anness Dok A."*

(fol 515)

77. Dan jerġa' jikkonfermah fl-affidavit ulterjuri tiegħu fejn jispjega:

*"Ngħid li jiena u l-kumpanija tiegħi għamilna kważi tlett snin naħdmu għas-soċjeta' rikorrenti. Kont nipprovdilha trailers, forklifters u tugmaster biex ikun jista' jgħabbi t-trailers tiegħi li kont nikrilu biex juża fuq il-vapuri li kien juża għat-trasport tal-merkanzija bejn Malta u l-Libya. Kont nibgħatlu żewġ min-nies l-aktar it-tifel tiegħi Clive u ċertu wieħed David biex jagħmlu dak kollu li jkun hemm bżonn"* (fol 778).

78. Illi f'dan l-istess affidavit Carmel Dimech ikompli jagħti dettal u jispjega a bażi ta' xiex inħarġet il-fattura a fol 21 tal-proċess (vide fol 778-779).

79. Din il-Qorti tirrileva illi fil-kontro-eżami ta' Joseph Zammit huwa jikkonferma illi sar ftehim bejn iż-żewġ soċjetajiet u jikkonferma illi s-soċjeta' attriċi ġieli għamlet użu mis-servizzi tas-soċjeta' konvenuta:

*"Il-Qorti:*

*Mela ħa nibdew pass pass sinjur jekk jogħġbok … jien hawn hekk qiegħed nara firma Joseph Zammit naqblu li hija tiegħek?*

*Ix-Xhud:*
*Tiegħi iva …*

*Il-Qorti:*
*U hawn hekk għandi ta' Karmenu Dimech għan-nom ta' burdnar qed nifhem …*

*Ix-Xhud:*
*Iva.*

*Il-Qorti:*
*Qed nifhem li hija tas-Sur Dimech ukoll … mela dan huwa dokument li jinsab a fol 521 u 522. Issa dan id-dokument qed jekk naqrawh ftit jgħid … jagħmel referenza għal-laqgħa li saret fl-24 t' Ottubru 2012.*

*Ix-Xhud:*
*Sewwa.*

*Dr Patrick Valentino:*
*U ftehmtu hemm hekk … ftehmtu xi rati … kiri ta' trejler … kiri ta' MAAF … xogħol ta' master fuq il-vapur tiegħek … xogħol ta' tagħbija … x'kien? Għalxiex sar dak id-dokument?*

*Ix-Xhud:*
*Dak għax hu … għalih issa bħalu imma għexieren bħalu li dak u ma kellix trouble ma' ħaddieħor.*

*Dr Patrick Valentino:*
*Għalxiex sar dak id-dokument? Għalxiex sar?*

*Ix-Xhud:*
*Mhux biex iġorr fuq il-vapur.*

*Dr Patrick Valentino:*
*Riedu xi jobs jiġifieri dak qed jgħid li inti ħa tikri trailer mingħandu?*

*Ix-Xhud:*
*Iva … jekk meta jkolli bżonn.*

*Dr Patrick Valentino:*
*U għax inti ha tikri trailer mingħandu fuq il-vapur tiegħek kont ħallsu ħames mitt euro (€500) biex tikri ma nafx x' inhu MAAF … tħallas mitejn euro (€200) …*

*Ix-Xhud:*
*Ija imma dak jekk nużah.*

*Dr Patrick Valentino:*
*Spjegalna ...*

*Ix-Xhud:*
*Jekk nużah iva ... mela le għandi r-rati hu ... dak arranġament imma ...*

*Dr Patrick Valentino:*
*Arranġament għaliex ... spjegalna ...*

*Ix-Xhud:*
*Għal li hemm ... jekk ikolli bżonn li nuża trailer minn tiegħu naf kemm hi ... u lill-klijent imbagħad nikkwotalu ... qed tifhem dik kien kollox.*

*Dr Patrick Valentino:*
*Issa inti kont ... kont tuża trailers minn tiegħu naqblu?*

*Ix-Xhud:*
*Ġieli kien ... qed ngħidlek għax issa qed qiegħed ngħidlek imma mhux se torbot dak bħala kuntratt tal-vapur kollu ... x'jiġifieri? Dan kien għalih u hekk nuża s-servizz tiegħu.*

*...*

*Il-Qorti:*
*Issa nkun korrett nifhem li intom kontu ftehmtu xi tip ta' rati ta' xogħol illi hu kien jipprovdilkom ix-xogħol u kellkom ir-rati ...*

*Ix-Xhud:*
*Ija imma għax-xogħol tiegħu ...*

*Il-Qorti:*
*Għax-xogħol tiegħu.*

*Ix-Xhud:*
*Mhux ġenerali għal kulħadd ...*

*Il-Qorti:*
*Jiġifieri hu kien jipprovdielek is-servizz u dawn kienu r-rati ...*

*Ix-Xhud:*
*Iva ... iva ...*

*...*

*Il-Qorti:*
*Jiġifieri li qed jipprova jgħidlek l-avukat huwa ... jekk kien hemm xi xogħolijiet li kellhom jitgħabbew fuq trailers inti kont tqabbad lis-Sur Dimech ...*

*Ix-Xhud:*

*Ija imma mhux għal kulħadd.*

*Il-Qorti:*
*Mhux kulħadd. Imma jekk ikollok bżonn it-trailer ...*

*Ix-Xhud:*
*Daqshekk hu.*

*Il-Qorti:*
*Kont tqabbad lis-Sur Dimech u kont tgħidlu ħares jien għandi rata miftiehma miegħu ta' servizz ... mexxi.*

*...*

*Dr Patrick Valentino:*
*Mela spjegalna tuża x-xogħol tiegħu xi tfisser biha?*

*Ix-Xhud:*
*Għidtlek għandek il-kuntratt ... jekk kien juża trailer ... nuża dak qed inħallas.*

*Dr Patrick Valentino:*
*Iġifieri inti kont tuża trailers tiegħu?*

*Ix-Xhud:*
*Iva jien mhux qed ngħidlek li le ... għax għamilna l-agreement ...*

*Dr Patrick Valentino:*
*Int kont ... int kont tuża t-tug master tiegħu? Naqblu?*

*Ix-Xhud:*
*Jien as such jekk hu tug master, jekk hu trailer, jekk hu container li hemm li ... l- arranġament kien ... li kellna arranġament u ... u kienu rati baxxi minn ħaddieħor."*

(fol 796-797 et seq u fol 801)

80. Illi din il-Qorti, fid-dawl tal-konferma li s-soċjeta' attriċi kienet tagħmel użu mis-servizzi tas-soċjeta' intimata, kif ukoll tenut kont tal-fatt illi s-soċjeta' attriċi naqset milli tagħmel kontro-eżami ta' Carmel Dimech u fid-dawl tal-fatt illi hija kontumaċi għal dak li għandu x'jaqsam mal-kontro talba tal-intimata, tqis illi l-ammont ta' disgħa u ħamsin elf, tmien mija u sitta u għoxrin Ewro (Ewro 59,826) pretiż mis-soċjeta' intimata rikonvenzjonanti huwa dovut mis-soċjeta' attriċi.

**Ikkunsidrat**

81. Illi l-Qorti tosserva wkoll illi s-soċjeta' intimata qiegħda titlob ukoll is-somma ta' elf u tlieta u għoxrin Ewro (Ewro 1023) għall-bejgħ u konsenja ta' żebgħa lis-soċjeta' attriċi u tippreżenta rċevuta a fol 22 tal-proċess. Hawnhekk, il-Qorti tosserva illi allavolja fuq dan id-dokument a fol 22 ma hemm ebda indikazzjoni illi din iż-żebgħa kienet ġiet mixtrija għas-soċjeta' rikorrenti, madanakollu, fix-xhieda tiegħu in kontro-eżami

Joseph Zammit jikkonferma li s-soċjeta' intimata kienet xtrat żebgħa għas-soċjeta' rikorrenti. Infatti huwa jtenni:

*"Dr Patrick Valentino:*
*Issa naqblu li darba Karmenu Dimech għan-nom ta' JF Holdings kien xtralek kwantità ta' żebgħa u ż-żebgħa kienet tgħabbiet fuq il-vapur tiegħek fil-port ta' Augusta naqblu?*

*Ix-Xhud:*
*U ġie skuntat dak ... tajnihom dawk.*

*Dr Patrick Valentino:*
*X' inhu?*

*Ix-Xhud:*
*Dak meta għamilna l-kontijiet ... hawn konna ...*

*Il-Qorti:*
*Naqqastuhom?*

*Ix-Xhud:*
*Naqqasnihom ...*

*Il-Qorti:*
*Allura jiena nassumi li ħa jirriżultali mid-dokumenti x'imkien hemm.*

*Dr Patrick Valentino:*
*Iġifieri għalhekk ma ħallastux taż-żebgħa?*

*Ix-Xhud:*
*Min ma ħallasx?*

*Dr Patrick Valentino:*
*Inti ma ħallastx?*

*Ix-Xhud:*
*Le ... le ... dak konna qtajnihom milli kellna ntuh ... milli kellu ...*

*Il-Qorti :*
*Milli kellu jagħtikom hu."*

(fol 802)

82. Din il-Qorti tqis illi ġialadarba Joseph Zammit jikkonferma x-xiri taż-żebgħa iżda jonqos milli jipprova illi sar il-ħlas tagħha, allura din il-Qorti ssostni illi dan l-ammont huwa dovut mis-soċjeta' attriċi.

**Ikkunsidrat**

83. Is-soċjeta' intimata qiegħda wkoll titlob is-somma ta'elf u mitt Ewro (Ewro 1100) għall-ħsara sofferta mis-soċjeta' konvenuta fuq inġenji proprjeta' tagħha minħabba imperizja u nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti min-naħa tas-soċjeta' attriċi. Fl-affidavit ta' Carmel Dimech a fol 780 huwa jispjega illi:

> *"Ngħid li jiena kelli forklifter tal-gas li xi drabi kien juża t-tifel tiegħi biex iħott u jgħabbi. Darba minnhom meta la jien u lanqas in-nies tiegħi ma kienu hemm, fuq il-bastiment MV Carolina kienu qed isiru xi xogħlijiet ta' żebgħa u ħaddiema tas-soċjeta' attriċi mingħajr kunsens tiegħi kienu użaw dan il-forklift biex ilaħħqu flok użaw sellum. Ngħid li kienet sfrondat ir-rampa tal-vapur u l-forklift waqa' kważi għoli ta' sular…. Ngħid li l-forklift kienet saritulu ħsara konsiderevoli u li biex sewwejt dan il-forklift kien swieni € 1100. Ngħid li ma għandix karti ta' din it-tiswija, naf li kont mort għand wieħed Ċini li hu armat Ħaż Żebbuġ biex sewwejtu"* (fol 780).

84. Din il-Qorti tosserva li s-soċjeta' konvenuta ma ġabet ebda prova li l-ħsara ġiet ikkawżata mis-soċjeta' attriċi u in oltre, ma ġabet ebda prova ta' kemm ġiet tiswa din it-tiswija. Għaldaqstant, din il-Qorti ma tistax takkolji din il-pretensjoni tas-soċjeta' konvenuta.

**Ikkunsidrat**

85. Is-soċjeta' konvenuta ssemmi wkoll is-somma ta' ħdax-il elf (Ewro 11,000) li fil-kontro talba tagħha tispjega illi dan l-ammont kien dovut għal xogħol ta' ġarr ta' merkanzija fuq il-bastiment MV Carolina. Din il-Qorti tirrileva illi fl-affidavit ulterjuri Carmel Dimech huwa jispjega:

> *"Il-ħdax il-elf (€ 11,000) li semmejt fl-aħħar premessa huwa ammont dovut lili kif jirriżulta mill-prospetti ppreżentati mis-soċjeta' attriċi li dawn l-ammonti skont l-istess soċjeta' ġew paċuti ma ammonti li suppost tħallsu minn terzi. Kif ġia għidt jiena kont nafda s-soċjeta' attriċi b'għajnejja magħluqa u kont inħalli f'idejn impjegati tagħha biex jippreparaw ir-rendikonti. Kien biss fil-mori tal-kawża li jiena skoprejt li għandi nieħu ħafna iżjed mill-ammont li qed nitlob imma issa ma hemmx x'wieħed jista' jagħmel."* (fol 780)

86. Hawnhekk, il-Qorti ma tistax ma tosservax illi l-ispjegazzjoni ta' f'xiex kienet tikkonsisti l-ammont ta' ħdax-il elf Ewro (Ewro 11,000) li jagħti fl-affidavit tiegħu Carmel Dimech hija ferm differenti minn dik provduta fil-kontro talba billi fl-imsemmija kontro talba hemm imniżżel illi din is-somma hija dovuta għal xogħol ta' ġarr ta' merkanzija fuq il-bastiment MV Carolina. Illi magħdud ma' dan, fl-ittra uffiċjali a fol 788 l-ammont ġie deskritt bħala *"servizzi reżi mis-soċjeta' mittenti"*.

87. Il-Qorti, in vista ta' din id-diverġenza ċara fil-verżjoni tas-soċjeta' intimata għala dan l-ammont huwa dovut lilha, din il-Qorti tqis illi s-soċjeta' attriċi ma tistax tiġi kkundannata li tħallas dan l-ammont, għalhekk din il-pretensjoni intimata qiegħda tiġi miċħuda.

88. Għaldaqstant, ikkunsidrat dana kollu kif hawn fuq riportat, il-Qorti tqis li, mill-ammont pretiż mis-soċjeta' konvenuta ossia dak ta' tnejn u sebgħin elf, disgħa mija u disgħa u erbgħin Ewro (Ewro 72,949), hija għandha tnaqqas iż-żewġ somom ta' elf u mitt Ewro

(Ewro 1100) u ta' ħdax-il elf Ewro (Ewro 11,000). Ikkunsidrat tali tnaqqis, il-Qorti tqis li s-soċjeta' attriċi għandha tħallas lil dik konvenuta **s-somma ta' sittin elf, tmien mija u disgħa u erbgħin Ewro (Ewro 60,849)**.

**Ikkunsidrat**

89. Il-Qorti tosserva wkoll illi fil-kontro talba tagħha, s-soċjeta' konvenuta titlob ukoll id-danni u ssostni illi hija kienet inkarigat lis-soċjeta' rikorrenti sabiex tittrasporta *crane* lejn il-Libya iżda minħabba l-imperizja, traskuraġni u nuqqas ta' ħila, dan l-*crane* għosfor meta kien taħt il-kustodja tas-soċjeta' attriċi.

90. Illi fuq din il-kwistjoni, l-Qorti tagħmel referenza għan-nota ta' sottomissjonijiet tas-soċjeta' intimata fejn a fol 823 paragrafu 5 hija tispjega illi qed tirrinunzja għat-talbiet li jikkonċernaw il-*crane*. Għaldaqstant, din il-Qorti mhix ser tkun qed tidħol f'din il-kwistjoni.

**Ikkunsidrat**

91. Il-Qorti tosserva illi barra d-danni mitluba tal-*crane*, fil-kontro talba tagħha s-soċjeta' intimata titlob ukoll danni relatati ma' erbgħa (4) trailers u ssostni illi hija kienet inkarigat lis-soċjeta' attriċi sabiex tittrasporta dawn it-trailers iżda dawn ġew abbandunati ġewwa l-Libya mis-soċjeta' attriċi u b'hekk is-soċjeta' intimata sofriet danni konsistenti f'telf ta' qliegħ u spejjeż minnha sborsati.

92. Illi fix-xhieda mogħtija minn Joseph Zammit fis-seduta tal-4 ta' Novembru 2016 fuq dawn it-*trailers* ġie rilevat:

> *"Dr John Refalo:*
> *Ħa nitkellmu issa ... mela ħa nitkellmu ... ara fl-eċċezzjonijiet ... fil-kontro talba li preżentat il-parti l-oħra qed jingħad ukoll li inti abbandunajt ... il-kumpanija abbandunat erbgħa trailers ġewwa l-Libya right. Issa qed nitolbok tispjegalna ftit x'inhi s-sitwazzjoni ta' dawn it-trailers? Issa f'dan ir-rigward ukoll, qabel ma nipproċedu ... iva iva ... issa ...*
>
> *...*
>
> *Dr John Refalo:*
> *Le le ... imma ħa nurih ukoll ... mela l-ewwel nett ... mela ara ... l-ewwel nett l-ittra li bgħatlek JF Holdings ... Carmel Dimech mhux JF Holdings tramite l-avukat tiegħu Dr Patrick Valentino right ... mela ... l-ewwel nett, f'din l-ittra kitiblek u qallek li hemm tlett trailers li s-soċjeta' minnek ġestita ħalliet ġo port il-Libya peress li għall-ebda raġuni valida għażlet li tieqaf topera l-bastiment, non o stante l-obbligu li dawn jinġiebu lura Malta. L-ewwel nett, dawn it-trailers in kwistjoni, ħa nibdew, ta' min kienu propjeta?*
>
> *Ix-Xhud:*
> *Lanqas ...*
>
> *Dr John Refalo:*
> *Ma tafx. Issa. Is-Sur Dimech jew JF Holdings, xi ħadd minnkom kien inkarigak jew inkariga lil MMSL li twassalhom ġewwa l-Libya.*

*Ix-Xhud:*
*Hekk hu.*

*Dr John Refalo:*
*Allright issa.*

*Perit Tekniku – Mr Paul Giglio:*
*Iva ... kien inkarigak.*

*Dr John Refalo:*
*Iva kien inkarigak.*

*Ix-Xhud:*
*Lil kumpanija tiegħi.*

*Dr John Refalo:*
*Issa, u l-kumpanija wasslithom hemmhekk?*

*Ix-Xhud:*
*Iva.*

*Dr John Refalo:*
*Allright ... mela x'kienu dawn? Kienu l-karru biss? Kienu karru biż-żiemel?*

*Ix-Xhud:*
*Dawk kienu jkunu trailers sa fejn naf jien li jmorru u jinżlu u jiġu lura filgħaxija. Il-vapur jistennihom u jiġu lura filgħaxija. Forsi kien ikun hemm xi drabi forsi ma kienx jitla' ma' dak il-vjaġġ imma mbagħad kien jitla' mal-ieħor.*

*Dr Patrick Valentino:*
*Iġifieri t-trailer kien imur mgħobbi u jiġi vojt hux hekk?*

*Ix-Xhud:*
*Hekk suppost.*

*Dr Patrick Valentino:*
*It-trailers kienu jmorru mgħobbijin u suppost ġew vojta.*

*Dr John Refalo:*
*Issa ... inti l-inkarigu tiegħek pero' huwa li tgħabbihom fuq il-vapur?*

*Ix-Xhud:*
*Eżatt.*

*Dr John Refalo:*
*Meta pero' ... inti kellek xi inkarigu tmur tfittixhom jew tiġborhom?*

*Ix-Xhud:*

*Le. Le. Le.*

*Dr John Refalo:*
*Iġifieri spjegalna ftit ...*

*Ix-Xhud:*
*Dan kienu ... għax hu ... dan Carmenu u it-tfal tiegħu kienu jitilgħu mal-vapur biex iħottuhom u jkunu hemm u jerġgħu jgħabbuh. Issa hu meta wasal hemm ġieli ... hawn wasal il-ħin biex jitlaq ġieli jċemplulhom biex il-vapur jistenna u meta ma dan kienu jħalluh u jiġu. Imma aħna ma kellniex dak il ... ma nidħlux fiha din. Għax daka ...*

*Dr John Refalo:*
*Iġifieri min kellu l-obbligu jwassal it-trailer sal-bastiment?*

*Ix-Xhud:*
*Hu. Carmenu. Ikun ... ikun saqu jew ġibdu ... bħalu jew ħaddiehor. Aħna ... jien hemmhekk biex inġorru biss. Ma nidħlux.*

*Dr John Refalo:*
*Issa mbagħad, sussegwentement kont irċevejt ittra oħra emm ... mingħand Dr Valentino tas-17 ta' Mejju 2013 ... hawn irid ikun x'imkien ... mela ... sussegwentement bgħatlek ittra datata 17 ta' Mejju 2013 b'xi log books annessi. It-trailers illi effettivament hemm kwistjoni fuqhom kemm hemm trailers? Hu hawnhekk qed jitkellem log book ta' żewg trailers, iġifieri l-kwistjoni qiegħda fuq kemm numru ta' trailers?*

*Ix-Xhud:*
*Żewġ trailers.*

*Dr John Refalo:*
*Uħud minn dawn it-trailers li kien kitiblek Patrick Valentino, sussegwentement taf jekk ġewx lura Malta? Dan taf il-movimenti tagħhom x'kienu?*

*Ix-Xhud:*
*Għandna ... għandna li tgħabbew minn Malta ...*

*Dr John Refalo:*
*U li waslu l-Libya. Ix-Xhud u li waslu l-Libya.*

*Dr John Refalo:*
*Imma li reġgħu ġew fuq il-vapur mill-Libya għal Malta, għandek informazzjoni?*

*Ix-Xhud:*
*Ta' wieħed minnhom iva."*

(fol 324-328)

93. Illi fix-xhieda ta' Joseph Zammit in kontro-eżami, huwa jtenni kif ġej:

*"Dr Patrick Valentino:*
*Dawk ir-rati li rajna kont tħallsu. Issa kien hemm ... darba nqala' ... darba nqalgħet kwistjoni u inti kont krejt mingħand is-Sur Dimech erba' (4) trailers tiftakar? U dawn l-erba' (4) trejlers inżommu l-Libja.*

*Ix-Xhud:*
*Skużi jien ma nqalgħet xejn kwistjoni. Dak kienet all right ... u nerġa' ngħid kif għandi fl-affidavit ... għax jien ma nigdibx ... dak huwa il ... il- vjaġġ kien li imorru u jiġu ... jitilgħu t-trailers u karozzi u min se jibqa' l-Libja jibqa' l-Libja u min kien ikun telaq minn Malta bix-xogħol u jiġi vojt lura jew jgħabbi xi ħaġa oħra kien jiġi ... imur iħott u fl-istess ħin filgħaxija jiġi vojt biex jiġi lura. Dak kien. Issa ... issa dana meta jiena konna waqqafna il x'jgħidulu dejjem kull meta ġejna lura għabbejna. Issa meta waqafna kien jaf hu meta waqafna u ... u ... issa jekk ħallihom hemm hekk affari tiegħu. Jiena mhux se ... hawn nistenna lilu emm ... biex hekk hux se nieqaf. Daka hu jaf bħal kull ħaġa.*

*Dr Patrick Valentino:*
*Ara naqblux li inti krejt it-trailers għar-round trip imbagħad waqaft u ħallejtlu t-trailers hemm?*

*Ix-Xhud:*
*Le ... le dak inti qed tgħid hekk. Dak qed ngħidlek kif kienet all right u kien ikun imur biss u jibqa' hemm. Dana naħseb li għabba x-xogħol u ma' ġiex lura u ħalla żmien ... mhux bin-naqra. Jekk taqbad id-data meta telaq minn Malta all right ...*

*Dr Patrick Valentino:*
*Kien hemm erba' (4) ġimgħat.*

*Ix-Xhud:*
*Għalhekk allura ... imbagħad waqafna aħna.*

*Dr Patrick Valentino:*
*U f'dawn l-erba' (4) ġimgħat ftehmtu li ttih mitt (100) euro kuljum ta' dat-trailer?*

*Ix-Xhud:*
*Għaliex intih mitt (100) euro?*

*Dr Patrick Valentino:*
*Għax-xogħol li tilef għax it-trailers baqgħu imwaħħlin il-Libja.*

*Ix-Xhud:*
*Ma nafx ... ma nafx ..."*

(fol 801-801 et seq)

94. Ikkunsidrata tali xhieda, din il-Qorti ser tagħmel ukoll referenza għall-ittra legali mibgħutha mill-avukat difensur tas-soċjeta' intimata lis-soċjeta' attriċi, li tinsab eżebita a fol 241 tal-proċess.

95. Jiġi nnutat illi f'din l-ittra (datata 15 ta' April 2013) issir referenza għal tlett (3) trailers. In oltre, f'ittra legali oħra, a fol 242 jingħataw kopja tal-*log books* ta' żewġ trailers. Illi din hija divergenza ċara minn dak ilmentat minnha fil-kontro talba u ċioe' li t-*trailers* in kwistjoni kienu erbgħa.

96. In oltre, din il-Qorti tosserva illi s-soċjeta' konvenuta naqset milli tipprovdi prospett u irċevuti tad-danni minnha allegatament sofferti, liema danni skontha jikkonsistu f'telf ta' qliegħ u spejjeż sborsati minnha sabiex l-imsemmija trailers jinġiebu lura Malta.

97. B'hekk it-talbiet tas-soċjeta' intimata rikonvenzjonanti msejsa fuq id-danni relattivi għall-erbgħa *trailers* mhux ser jiġu akkolti.

**Il-Qorti**,

Wara illi rat l-atti u semgħet ix-xhieda;

Wara illi rat is-sottomissjonijiet tal-abbli difensuri tal-partijiet;

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi:

**<u>Talba Konvenzjonali</u>**

**Tilqa'** limitatament l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjeta' konvenuta u dan in kwantu kompatibbli ma' dak hawn deċiż dwar it-talba konvenzjonali;

**Tilqa'** limitatament it-talba tas-soċjeta' attriċi u tiddikjara illi s-soċjeta' konvenuta hija debitriċi favur is-soċjeta' rikorrenti fis-somma ta' erbgħa u erbgħin elf, ħames mija u ħamsa u sittin Ewro u tmienja u disgħin ċenteżmu (Ewro 44,565.98) u

**Tikkundanna** lis-soċjeta' konvenuta tħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' **erbgħa u erbgħin elf, ħames mija u ħamsa u sittin Ewro u tmienja u disgħin ċenteżmu (Ewro 44,565.98)** bl-imgħax legali mid-data tal-preżentata tal-ittra uffiċjali intavolata minnha;

Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-kumplament tal-eċċezzjonijiet tas-soċjeta' konvenuta.

**<u>Talba Rikonvenzjonali</u>**

**Tastjeni** milli tieħu konjizzjoni tat-tieni talba tas-soċjeta' rikonvenzjonanti;

**Tiċħad** it-tielet, ir-raba' u l-ħames talba tas-soċjeta' rikonvenzjonanti;

**Tilqa'** limitatament l-ewwel u s-sitt talba kontenuta fil-kontro-talba tas-soċjeta' rikonvenzjonanti; u

**Tiddikjara** li s-soċjeta' rikonvenzjonata hija debitriċi versu s-soċjeta' rikonvenzjonanti fl-ammont ta' sittin elf, tmien mija u disgħa u erbgħin Ewro (Ewro 60,849) u dan kif spjegat f'din is-sentenza;

**Tikkundanna** lis-soċjeta' rikonvenzjonata tħallas l-ammont ta' **sittin elf, tmien mija u disgħa u erbgħin Ewro (Ewro 60,849)** bl-imgħax legali mid-data tal-preżentata tal-ittra uffiċjali intavolata minnha;

Dwar spejjeż, is-soċjeta' intimata għandha tagħmel tajjeb għall-ispejjeż tas-soċjeta' rikorrenti relatata mat-talba konvenzjonali tas-soċjeta' rikorrenti filwaqt illi s-soċjeta' rikorrenti għandha tagħmel tajjeb għall-ispejjeż tas-soċjeta' intimata relatata mat-talba rikonvenzjonali tas-soċjeta' intimata.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**